MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-5 ta' Novembru, 2015**

Rikors Numru: 155/15LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**B'digriet tal-10 ta' Lulju 2015 l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Alfonso u Veronica miżżewġin Cammarota Passaport numru 37090011(P) u K.I. numru 245966(M) rispettivament**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar, 2015 li bih **Bank of Valletta p.l.c. (C2833)** [minn issa 'l quddiem is-soċjetà rikorrenti], u Joseph Caruana (K.I.

709057M) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess socjetà rikorrenti kkonferma bil-ġurament, fejn għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*Illi permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Alfonso u Veronica miżżewġin Cammarota" (Ċitazzjoni numru 327/2003 FS) (Dok "A"), is-soċjetà esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi tal-intimati fis-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u erba' euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€11,804.71) (ekwivalenti għal Lm5,067.76) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setgħet tiġi eżegwita u d-debitu tal-intimati għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Illi d-debitu tal-intimati llum jammonta għal tlett elef, erba' mija u tmienja u disgħin euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,498.79) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-4 ta' Diċembru 2014 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B4").*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Alfonso u Veronica miżżewġin Cammarota" (Ċitazzjoni numru 327/2003 FS) (Dok. "A"), bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimati.*

Rat ir-Risposta tal-**kuraturi deputati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuraturi Legali Veronica Rossignaud** li b'digriet tal-10 ta' Lulju, 2015

ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Alfonso Cammarota fejn wieġbu kif ġej:

1. *Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti oltre l-atti tal-istess kawża u jirriservaw id-dritt li jipproduċi atti aktar dettaljati jekk jiġu edotti b'informazzjoni ulterjuri;*

2. *Illi f'kwalunkwe każ, l-esponenti qegħdin jirrimetu ruħhom għall-ġudizzju superjuri ta' din l-Onor. Qorti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda ta' Dorianne Tanti in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti li kkonfermat bil-ġurament tagħha illi mid-data meta ġie ppreżentat ir-Rikors ma sar l-ebda depożitu mill-intimati akkont tal-ammont dovut lis-soċjetà rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment għas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2015.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob permezz ta' din il-proċedura ai termini

tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li sentenza li kienet għaddiet in ġudikat terġa' ssir eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn għaxar snin minn mindu setgħet tiġi eżegwita.

Dorianne Tanti in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti kkonfermat bil-ġurament illi mid-data meta ġie ppreżentat ir-Rikors ma sar l-ebda depożitu mill-intimati akkont tal-ammont dovut lis-soċjetà rikorrenti u għalhekk l-intimati baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti.

Is-sentenza li s-soċjetà rikorrenti tagħmel riferiment għaliha fir-Rikors tagħha hija dik mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fid-19 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs. Alfonso u Veronica miżżewġin Cammarota" (Ċitazzjoni numru 327/2003 FS) (Dok "A"), fejn is-soċjetà rikorrenti ġiet kanonizzata kreditriċi tal-intimati fis-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u erba' euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€11,804.71) (ekwivalenti għal Lm5,067.76) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sal-jum tal-pagament effettiv.

Sussegwentement għal din is-sentenza, l-intimati kienu effettwaw xi depożiti akkont tal-bilanċ dovut minnhom lis-soċjetà rikorrenti, u llum d-debitu tal-intimati jammonta għal tlett elef, erba' mija u tmienja u disgħin euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,498.79) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-4 ta' Diċembru, 2014 sal-jum tal-pagament effettiv

(Dok. "B1 sa B4").

L-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qiegħda ssir din il-proċedura, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jigi ravvivat b'din il-proċedura.

Illi l-liġi (l-Artikolu 253(a) tal-Kap. 12) tqis bħala titolu eżekuttiv is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta.

Ir-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 għandu l-iskop li l-Qorti tintalab tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex it-titolu eżekuttiv jiġi riavvivat biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid u dan għax fil-każ ta' sentenza tal-Qrati Superjuri, ikunu għaddew għaxar snin minn dakinhar li fih skont il-liġi setgħet tiġi eżegwita.

Billi jirriżulta li għaddew aktar minn għaxar snin minn meta setgħet tiġi eżegwita s-sentenza inkwistjoni, il-kreditur kellu jiftaħ din il-proċedura li għandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu eżekuttiv u konsegwentement l-eżegwibbiltà tiegħu skont l-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12.

Illi dan il-proċediment ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament li mhuwiex intiż biex issir komputazzjoni u kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut mill-intimati lis-soċjetà

rikorrenti.

Din il-proċedura sommarja ta' verifika għandha biss l-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex it-titolu eżekuttiv ikun jista' jerġa' jsir eżegwibbli wara li jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi ta' għaxar snin u jkun ġie verifikat li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur.

Illi kif ġie spjegat fis-sentenza deċiża fit-12 ta' April, 2012 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Ciantar**:

> *"Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati".*

**<u>Decide</u>**

**Billi mill-provi jirriżulta li t-talba dedotta fir-Rikors hi skont il-ligi, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Għalhekk il-Qorti tilqa’ t-talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta għar-rigward tal-bilanċ li għadu dovut lilha mill-intimati.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-intimati.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------